# QORTI TA' L-APPELL
## (SEDE INFERJURI)

## IMHALLEF

### ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D.

**Seduta ta' nhar IL-Gimgha 28 ta' Gunju 2002**

**Numru 5**

**Cit. Nru. 63/97mm**

**Beraq Limited**

**vs**

**Chairman Enemalta Corporation**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Mejju 2001 li minnha gie interpost l-appell prezenti u li taqra hekk:

> Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Jannar 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lic-Chairman tal-*Enemalta Corporation* responsabbli ghad-danni u hsarat ikkagonati mill-Korporazzjoni Enemalta fil-gebel tal-faccata tal-fond fi Triq G F Agius De Soldanis, f'Birkirkara, di proprjeta' tas-socjeta' attrici, fil-kors tax-xogholijiet esegwiti mill-Korporazzjoni mal-faccata ta' l-imsemmi fond, taddivjeni ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnhom ikkagonati lis-socjeta' attrici kif premess, u ghal

liema danni l-Korporazzjoni Enemalta hija responsabbli lejn is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza l-attur jiddikjara illi l-ammont dovut ma jeccedix Lm500 (hames mitt lira).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tac-Chairman ta' l-Enemalta Corporation fejn eccepixxa:

Illi l-Korporazzjoni Enemalta mhix responsabbli ghad-danni u hsarat allegatament sofferti mill-attur.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nomina ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1997 fejn innominat lill-Perit Frederick Doublet bhala tekniku biex jirrelata dwar dan il-kaz wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' Novembru 1997 fejn innominat lill-Perit Albert Fenech in sostituzzjoni tal-Perit Frederick Doublet.

Rat ir-rapport tat-tekniku AIC Albert Fenech ippresentat fis-16 ta' Jannar 2001 u mahluf fis-26 ta' Marzu, 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici hija propjetarja ta' fond bla numru fi Triq G F Agius De Soldanis, f'Birkirkara. Dan il-fond huwa gebel u saqaf u jidher illi fl-ahhar ta' l-1995 il-korporazzjoni konvenuta wahhlet xi brackets mal-hajt ta' dan il-fond. Ma' dawn il-brackets kellhom jitwahhlu wires ta' l-elettriku. Jidher illi meta dawn il-wires gew stirati dawn il-brackets gibdu l-gebel li kien hemm warajhom b'tali mod illi gew ikkawzati danni lil dan il-fond.

Joseph Falzon id-direttur tas-socjeta’ attrici qal illi huwa nduna b’din il-hsara ghall-habta ta’ Dicembru 1995 u pprova jikkomunika mar-rappresentanti tal-korporazzjoni konvenuta, izda dawna nnegaw kull responsabbilta’ u fl-ahhar spicca biex ghamel din il-kawza. Gab stima ta’ Cauchi Brothers a fol 19 tal-process fejn il-hsara giet kwantifikata fl-ammont ta’ mitejn u hamsin lira (LM250). Il-perit tekniku f’paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu ddikjara illi din ic-cifra hija wahda ragonevoli.

Ghal dak illi jirrigwarda l-hsara kawzata l-perit tekniku Albert Fenech wasal ghal konkluzzjoni illi l-hajt li fuqu kien imwahhal dan il-bracket ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha. Filwaqt illi kien minnu illi dan il-hajt kien dobblu, pero’ l-qoxriet kienu daghjfa hafna, fis-sens illi kienu mibnija bi knaten tas-sebgha pulzieri flok tad-disgha. Terga ma kellhomx bizzejjed ktajjen biex jorbtu wahda ma’ l-ohra. Barra minn hekk l-opramorta kienet fuq in-naha ta’ gewwa b’tali mod illi l-qoxra ta’ barra ma kellhiex piz fuqha u ghalhekk kien aktar facli illi tingibed il-barra. A fol 40 tal-process meta l-istess perit tekniku gie eskuss ikkonkluda illi ma kellu l-ebda dubbju illi l-mod kif kien mibni dan il-hajt setgha kkontribwixxa ghal dan l-incident. Din il-konkluzzjoni tirrifletti wkoll il-konkluzzjoni illi l-istess perit tekniku ghamel fir-relazzjoni tieghu fejn ghamilha cara illi hemm evidenza li l-hajt dobblu tal-faccata tal-fond tas-socjeta’ attrici kellu u ghad ghandu punti ta’ debulezza strutturali. Jekk mieghu jridu jitwahhlu *brackets* b’*cables* ta’ l-elettriku u mieghu jkunu jridu jigu terminati u stirati, l-hsara primarjament konsistenti fi spustjar ta’ knaten u konsenturi fil-qoxra esterna tal-hajt dobblu. Din il-hsara kienet ikkagunata bit-twahhil ta’ brackets u stirar tal-*cables* li kienu terminati ma’ l-istess fond. Il-perit tekniku spicca biex ghalaq illi bid-dikjarazzjoni illi certi nuqqasijiet strutturali kienu evidenti.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi filwaqt illi hija konvinta illi l-hsara f’dan il-fond giet ikkagunata mill-korporazzjoni konvenuta, pero’ din l-istess korporazzjoni mhijiex tenuta illi tkun responsabbli ghall-hsarat kollha subiti peress illi dan il-hajt illi mieghu kien twahhal dan il-*bracket* kellu punti ta’ debulezza strutturali. Dawn in-nuqqasijiet ma kienux a konoxxenza tal-Korporazzjoni Enemalta u l-haddiema li marru jwahhlu dawn il-*brackets* assumew illi l-hajt kien mibni hafna aktar solidu milli attwalment kien jidher illi ma kellhom l-ebda ghajnuna teknika jew studju rigward kostruzzjoni tal-bini.

> Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-korporazzjoni konvenuta ma ghandhiex tkun responsabbli in toto tal-hsarat illi gew ikkagunati fuq dan il-hajt peress illi jidher illi hemm fattur kontributorju dwar il-mod kif kien mibni. Dan il-fattur kontributorju ghandu jsarraf temperament tad-danni u ghalhekk jidhrilha illi l-korporazzjoni konvenuta m'ghandhiex tkun responsabbli ghal aktar minn mitt lira (Lm100) minn mitejn u hamsin lira (Lm250) illi s-socjeta' attrici qieghdha tippretendi.
>
> Ghal dawn il-motivi,
>
> Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' mitt lira (Lm100), danni kagunati mill-korporazzjoni konvenuta lis-socjeta' attrici fil-fond bla numru fi Triq G F Agius De Soldanis, f'Birkirkara, wara li l-korporazzjoni konvenuta wahhlet *brackets* tal-wires ta' l-elettriku mal-faccata ta' dan il-fond.
>
> Bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs is-socjeta' attrici u nofs il-korporazzjoni konvenuta.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti (i) tikkonferma s-sentenza appellata rigward il-kap dwar ir-responsabbilta` tal-Korporazzjoni appellata ghall-hsara minnha kkagunata fil-gebel tal-faccata tal-fond di proprjeta` tas-socjeta` appellanti, filwaqt li (ii) tvarja s-sentenza appellata limitatament ghall-kap rigward il-likwidazzjoni ta' danni b'dan illi tikkundanna lill-Korporazzjoni appellata thallas lis-socjeta` appellanti s-somma ta' Lm250 rapprezentanti l-valur tad-danni dovuti lill-istess spcjeta` appellanti, hekk kif likwidati mill-Perit Tekniku, u (iii) tvarja s-sentenza appellata rigward il-kap ta' l-ispejjez fejn il-Korporazzjoni appellata tigi kkundannata thallas l-ispejjez taz-zewg istanzi;

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta appellata;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat illi:-

L-aggravju tas-socjeta` appellanti jikkonsisti in sintezi f'dawn is-sottomissjonijiet:

Il-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti li fil-likwidazzjoni tad-danni ghandha tqis bhala fattur kontributorju l-mod kif kien mibni l-hajt tal-proprjeta` tas-socjeta` appellanti hija bazata fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi. Il-mertu tal-kwistjoni taht skrutinju ghandu jigi analizzat fid-dawl tal-principji legali relattivi ghall-kwazi delitti stante li (i) fl-ewwel lok bejn il-partijiet ma hemm ebda tip ta' rabta kontrattwali billi l-Korporazzjoni appellata kienet qed tistalla linji ta' l-elettriku fi Triq Agius de Soldanis, Birkirkara, in esekuzzjoni tad-dmirijiet taghha taht l-Att dwar l-Enemalta (Kap 272), u (ii) fit-tieni lok id-danni kkagunati fil-gebel tal-faccata tal-fond di proprjeta` tas-socjeta` aappellanti sehhew unikament minhabba n-negligenza u l-imprudenza tas-socjeta` appellanti. Barra minn hekk il-mertu tal-kwistjoni odjerna ghandu jigi ezaminat in partikolari fid-dawl tal-principju ta' gustizzja naturali *naeminem laedere*.

Ir-responsabbilta` tal-Korporazzjoni appellata giet rikonoxxuta kemm mill-perit tekniku kif ukoll mill-Ewwel Qorti.

Fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u tal-konkluzjoni peritali li hemm l-element ta' *culpa* attribwibbli lill-Korporazzjoni appellata, l-Ewwel Qorti ma jmisshiex waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm element kontributorju da parti tas-socjeta` appellanti. Kienet il-

Korporazzjoni appellata li ma agixxietx b'mod diligenti u prudenti waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet in kwistjoni.

Ghalkemm il-hajt ma fejn twahhlu l-*brackets* seta' kellu xi difetti strutturali, il-haddiema tal-Korporazzjoni appellata kellhom l-obbligu li jivverifikaw l-istabbilita` u s-sahha tal-hajt in kwistjoni qabel ma jaghmlu dan, partikolarment meta kienu a konoxxenza tal-fatt li l-cables jew linji ta' l-irham kienu tqal u ghalhekk ghamlu *bracket* iehor b'*intermediate stay*, u li meta dawn il-cables jigu stirati hemm bzonn li tintuza certa ammont ta' sahha partikolarment meta l-cable huwa gdid.

L-illegittimita` ta' l-ommissjoni tal-Korporazzjoni appellata tirrizulta ferm aktar evidenti fid-dawl tal-principju enuncjat minn Ricci (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Volum VI para. 86, pagna 114) li *"per giudicare adunque, se un fatto sia lecito od illecito, ci sembra che non debba guardarsi tanto al diritto dell'agente quanto a quello della persona presa di mira col fatto stesso. In altri termini: agendo io, od omettendo di fare qualche cosa, ho violato il diritto altrui? Se si, il fatto e` illecito".* A bazi ta' tali illegittimita` ta' l-ommissjoni da parte tal-Korporazzjoni appellata necessarjament japplika l-princiopju li *"dato il fatto illecito, sia questo positivo o negativo, quegli che ne` e` l'autore e` per lo meno, in colpa ed incorre quindi in una responsabilita` civili".*

Ir-responsabbilta` civili tirrizulta wkoll mill-elementi ta' *causa ed effetto* bejn l-att jew ommissjoni u d-dannu kawzat. Bejn l-ommissioni tal-Korporazzjoni appellata u d-dannu kagunat fil-hajt tas-socjeta` apellanti hemm din ir-rabta ta' *causa ed effetto*. Il-perit tekniku stess ikkonkluda li meta twahlet il-*bracket* li maghha gew terminati u stirati l-cables, ***"il-hsara kienet inevitabbli"*** ghax il-mod kif kien inbena l-hajt dobblu tal-

faccata tal-fond in kwistjoni ma kienx ghal kollox adegwat biex mieghu jitwahhlu *brackets* u cables ta' l-elettriku, partikolarment jekk kellhom jigu terminati proprju ma' dil-faccata. Il-kawza diretta u immedjata tal-hsara kienet l-ommissjoni tal-Korporazzjoni appellata li taghmel il-verifiki mehtiega dwar l-istabilita` tal-hajt.

Il-Korporazzjoni appellata hi ghalhekk responsabbli ghall-hsara rizultanti min-nuqqas taghha a tenur ta' l-artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat illi:-

Din il-Qorti essenzjalment taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet li saru mis-socjeta` appellanti.

Meta l-haddiema tal-Korporazzjoni appellata jkunu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom bhal fil-kaz in ezami biex iwahhlu *brackets* ma' hitan sabiex ighaddu l-cables ta' l-elettriku, ghandhom qabel xejn jaraw li tali hitan ikunu mibnija b'mod adegwat ghall-istrapazz li se jkunu soggetti ghalih b'tali twahhil. Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku qal li *"evidentement, il-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta li wahlu dawn il-brackets u cables mal-hajt in kwistjoni, assumew li l-hajt kien mibni hafna iktar solidu milli attwalment kien, u jidher li ma kellhom ebda ghajnuna teknika jew studju rigward kostruzzjoni ta' bini, ghax f'dal-kaz, ghal min jaf sewwa s-sengha tal-bini, certi nuqqasijiet strutturali kienu evidenti".*

U hawn tohrog lampanti l-ommissjoni da parti tal-Korporazzjoni appellata, cioe` n-nuqqas da parti taghha li tipprovdi l-ghajnuna teknika mehtiega qabel ma jitwahhlu l-*brackets* u l-cables biex tigi ovvjata xi

hsara konsegwenzjali. Difatti jirrizulta li f'dal-kaz, wara li nqalghu l-*brackets* u l-cables, dawn twahhlu mal-hajt ta' fond iehor li kien strutturalment aktar solidu.

Huwa veru li meta l-perit tekniku xehed in eskussjoni quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2001, huwa qal li m'hemmx dubju li bil-mod kif kien mibni l-hajt in kwistjoni seta' jikkontribwixxi ghal dan l-incident. Izda l-vera kawza tal-hsarat ma kenitx il-mod ta' kif kien mibni l-hajt izda, kif l-istess perit tekniku kkonkluda fir-relazzjoni tieghu, *"it-twahhil ta' brackets u l-istirar ta' cables li kienu terminati ma' l-imsemmi fond"*. Kieku ma sarx dan it-twahhil ma kenitx tigri l-hsara lmentata. Wara kollox is-socjeta` appellanti ma kellha l-ebda ftehim mal-Korporazzjoni appellata dwar kif kellha tibni l-fond taghha sabiex dan ikun jista' jiflah ghall-*brackets* u cables li l-istess Korporazzjoni riedet twahhal. Lanqas ma jirrizulta li s-socjeta` appellanti kienet taf minn qabel li kellu jsir dak it-twahhil.

Bhalma jghid il-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civili, Vol. V, pagna 721, para. 4826), *"per dare luogo a responsabilita` e` necessario che esista un rapporto di causa ed effetto tra il fatto illecito e il danno"*. Fil-kaz in ezami *il fatto illecito* jikkonsisti fin-negligenza li wriet il-Korporazzjoni appellata meta qabdet u wahlet *brackets* u *cables* ma' hajt li ma kienx strutturalment solidu bizzejjed ghal dak l-iskop, id-*danno* jikkonsisti fil-hsara rizultanti fl-imsemmi hajt.

Mir-relazzjoni tal-perit tekniku jirrizulta li l-istima ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250), VAT inkluz, ghar-riparazzjoni tal-hsara, hija stima ragonevoli u din il-Qorti qieghda ghalhekk tvarja s-sentenza appellata

billi tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lom250).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u konsegwentement (i) tikkonferma s-sentenza appellata rigward il-kap dwar responsabbilta` tal-Korporazzjoni appellata ghall-hsara minnha kkagunata fil-gebel tal-faccata tal-fond di proprjeta` tas-socjeta` appellanti, izda (ii) tvarja s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni billi tikkundanna lill-Korporazzjoni appellata thallas lis-socjeta` appellanti s-somma ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) rapprezentanti l-valur tad-danni dovuti lill-istess socjeta` appellanti.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Korporazzjoni appellata.